32004D0056

L 12/48 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* 17.1.2004

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' Diċembru 2003

dwar il-kontinwazzjoni fis-sena 2004 tal-provi komparattivi tal-Komunità u testijiet dwar materjal ta' propagazzjoni u għaż-żriegħ tal-*Prunus domestica* taħt id-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE mibdija fl-2002

(2004/56/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE tat-28 ta' April 1992 dwar il-*marketing* ta' materjal ta' propagazzjoni ta'pjanti tal-frott u pjanti tal-frott, maħsuba għall-produzzjoni tal-frott [1],

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/896/KE tat-12 ta' Diċembru 2001 li tniżżel l-arranġamenti għal provi komparattivi tal-Komunità dwar materjal ta' propagazzjoni u taż-żriegħ ta' pjanti tal-frott taħt id-Direttiva tal-Kunsill 92/34/KEE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 2 tagħha,

Billi:

(1) D-Deċiżjoni 2001/896/KE tistipula l-arranġamenti għal provi komparattivi u testijiet li għandhom isiru taħt id-Direttiva 92/34/KEE fir-rigward tal-Prunus domestica mill-2002 sa l-2006.

(2) Billi t-testijiet u l-provi mwettqa matul l-2002 u l-2003 għandhom jitkomplew matul l-2004,

IDDEĊIDIET DAN LI ĠEJ:

Artikolu uniku

Il-provi komparattivi u t-testijiet tal-Komunità li bdew fl-2002 dwar materjal ta' propagazzjoni u taż-żriegħ tal-*Prunus domestica* għandhom jitkomplew fl-2004 skond id-Deċiżjoni 2001/896/KE.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Diċembru 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 157, ta' l-10.6.1992, p. 10. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2003/61/KE (ĠU L 165, 03.07.03, p. 23).

[2] ĠU L 331, 15.12.01, p. 95.